MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 447/2004

**Emanuel Borg**

**vs**

**Jesmond Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Awissu tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attur l-ammont ta' tlett elef u hames mitt Lira Maltin, (LM3,500.00,0), li jirrapprezentaw sehem minn dghajsa li l-istess konvenut kien xtara s-sehem ta' l-attur u qatt ma hallsu minkejja li hu nterpellat diversi drabi;
2. Bl-ispejjez inkluz dak tal-mandat ta' qbdi numru 1999/04 u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-4 ta’ April tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa s-segwenti;

1. Illi preliminarjament din il-kawza hija rritwali u nulla stante li jekk l-attur qed jallega li huwa koproprjetarju tad-dghajsa in kwistjoni, huwa ma jistax jitlob sehmu fi flus izda se mai ikun irid jagixxi skond il-ligi fit-tieni Ktieb, Taqsima I, Titolu V tal-Kodici Civili;

2. Illi bla pregudizzju ghal dan, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li jekk mill-banda l-ohra l-attur jippretendi li jithallas billi jallega li l-konvenut xtara sehem mid-dghajsa minghand l-attur, dan ma huwiex minnu;

3. Illi bla pregudizzju ghal dan, mhux minnu li l-konvenut ghad ghandu jhallas xi ammont lill-attur stante li kien l-attur li kien xtara nofs sehem mid-dghajsa in kwistjoni min ghand il-konvenut, u kien ghad baqghalu jhallas lill-istess konvenut bilanc ta’ elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0), liema ammont qatt ma thallas; madanakollu l-partijiet kienu sussegwentement pacew il-pendenzi kollha ta’ bejniethom;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tal-partijiet datat il-5 ta’ gunju tas-sena 2007 li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li lahqu transazzjoni fit-termini infraskritti:

1. Illi l-konvenut ihallas elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00,0), lill-attur bir-rata ta’ hames mitt Lira, (LM500.00,0), fi zmien gimgha mid-data tat-transazzjoni fuq indikata u l-kumplament fi zmien xahrejn mill-istess data;

2. Illi l-attur jobbliga ruhu li jcedi l-kawza fi zmien gimgha mill-ahhar pagament;

3. Illi l-partijiet ibatu l-ispejjez rispettivi taghhom;

Rat il-verbal datat is-16 t'Ottubru tas-sena 2007 li permezz tieghu r-rapprezentant legali ta' l-attur informa lill-qorti li l-konvenut ma ottemporax ruhu ma' dak indikat fil-verbal tal-5 ta' Gunju tas-sena 2007 fuq indikat;

Illi jirrizulta li aktar tard dehret ir-rapprezentant legali tal-konvenut li nfurmat lill-qorti li l-konvenut kien effettwa xi pagament ghalkemm mhux skond il-verbal fuq indikat;

Illi pero' dan gie konfutat mir-rapprezentant tal-attur;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li l-partijiet lahqu ftehim fis-sens espost aktar qabel u dan, kif verbalizzat fil-5 ta' Gunju tas-sena 2007;

Illi din il-qorti m'hix bi hsiebha tiddisturba l-ewwel parti ta' dan il-ftehim peress li dan jorbot il-meritu veru u proprju tal-vertenza in dizamina;

Ghaldaqstant, din il-qorti taqta' u tiddeciedi li:

1. Tiddikjara li l-konvenut Jesmond Vella ghandu jaghti l-ammont ta' elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00,0), lill-konvenut skond it-transazzjoni ta' bejniethom fuq indikata;

2. Tikkundanna lill-konvenut Jesmond Vella biex ihallas lill-attur Emanuel Borg is-somma miftehma ndikata fil-paragrafu precedenti;

3. Tikkundanna ukoll lill-konvenut Jesmond Vella biex ihallas l-ispejjez ta' din il-procedura flimkien ma' l-imghaxijiet dovuti skon dil-ligi;

4. Finalment tikkundanna wkoll lill-konvenut Jesmond Vella ghad-disprezz ta’ din il-qorti stante li minghajr ebda raguni valida, hu naqas li jottempora ruhu mat-transazzjoni li biha ntrabat in atti fil-5 ta’ Gunju tas-sena 2007;

Rat ghalhekk l-artikolu 997 tal-Kapitolu 12u tikkundanna lill-konvenut Jesmond Vella ghal piena ta’ multa ta’ hamsin Lira Maltin, (LM50.00,0), konvertibbli ai termini ta’ l-artikolu 14 tal-kapitolu 9 ghal piena ta’ prigunerija bir-rata ta’ hames Liri Maltin (LM5.00,0), ghal kull gurnata kemm –il darba ma tithallasx fi zmien sebat ijiet mil-lum.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------